**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 26 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Numru 163/02 AJD.**
**Mark Sargent**

**vs**

**Isaac Chetcuti.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz prezentat fit-28 ta' Jannar 2002 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm1250.00) rapprezentanti ammont bilancjali li ghadu dovut minn somma akbar u li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur bhala rigal in konnessjoni mac-cessjoni ta' kirja tal-fond 52, Luqa Road, Tarxien u dan kif konfermat ukoll permezz ta' skrittura ta' bejn il-kontendenti datata 7 ta' Ottubru 2001.**
**Bl-ispejjes tal-prezenti, u bl-imghax legali mis-7 ta' Ottubru 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**(1) Illi l-kawza hija illecita stante li ma jistaax jintalab ebda rigal ghal cessjoni ta' kirja.**

**(2) illi minghajr pregudizzju, l-imghax mitlub jrid jiehu in konsiderazzjoni l-pagamenti maghmula u l-modalitajiet ta' tali pagament.**

**Sema' x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.**

**Ra li l-kawza giet differita diversi drabi ghall-provi tal-konvenut izda huwa naqas milli jidher u milli jressaq provi sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet minnu sollevati.**

**Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, mitejn u hamsin Lira Maltin (lm1,250.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala rigal in konnessjoni mac-cessjoni tal-kiirja tal-fond 52, Luqa Road, Tarxien. L-attur esebixxa kopja tal-kuntratt fejn il-fond in kwistjoni gie mikri lill-konvenut mill-attur (a fol. 17 et seq.) L-artikolu 7 ta' din l-iskrittura jghid hekk:**

*"….Barra minn hekk ma'kull twellija u kontestwalment mal-istess twellija, s-sidien ikollhom id-dritt u qeghdin hawn jirrizervaw id-dritt li jithallsu rigal ammontanti ghal sena kera li tkun qeghda tithallas fiz-zmien tat-twellija"*

**Illi l-attur esebixxa wkoll skrittura datata 28 ta' Settembru 2001 (a fol. 23 et seq. ) minn fejn jirrizulta li l-konvenut ceda l-obbligi u drittijiet tieghu taht il-kuntratt tal-kirja originali lil terzi u esibixxa wkoll skrittura ohra datata 7 ta' Ottubru 2001 (a fol. 9) fejn il-konvenut accetta li jhallas is-somma ta' Lm1,500.00 bhala rigal in konnessjoni mac-cessssjoni tal-kirja. L-attur xehed li meta giet iffirmata din l-ahhar skrittura il-konvenut kien ghadda lill-attur tnax il-***"post dated cheque"*** **fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) il-wiehed. L-ewwel zewg** *cheques* **issarfu izda l-ohrajn ma gewx onorati u l-attur ikkonferma bil-gurament li l-bilanc ta' elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm1,250.00) ghadu dovut mill-konvenut.**

**Il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jissostanzja l-eccezzjonijiet minnu sollevati. Inoltre, it-Tribunal jidhirlu li l-istess eccezzjonijiet huma inkomprensibbli u insostenibbli.**

**Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet attrici huma soddisfacentement pruvati.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt l jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'**

**elf, mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm1,250.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.**

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**